# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**(AGENT-PRESIDENT)**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017**

**Numru**

**Rikors numru 471/05 LSO**

**Perit Joseph Barbara u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2016**
**Anna Maria Saddemi assumiet l-atti tal-kawza**
**f'isimha proprju esklussivament**

**v.**

**Avukat Generali u Philip Grima**

Il-Qorti:

Rat li dan huwa appell tal-konvenut Grima minn sentenza mogħtija fis-17 ta' Novembru, 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali taħt l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Europea.

Il-fatti rilevanti huma dawn: L-attur il-perit Barbara talab l-iżgumbrament tal-konvenut Grima mill-fond proprjeta` tiegħu ġewwa San Ġiljan. L-imsemmi konvenut eċċipixxa li huwa għandu dritt jibqa' in okkupazzjoni tal-fond a tenur tal-Artikolu 12A tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Kiri tad-Djar (Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta). L-attur Barbara ikkontesta fil-forum opportun il-validita` kostituzzjonali ta' dan il-provvediment tal-liġi. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar, 2014 (fil-kawża fl-ismijiet **AIC Josph Barbara v. Prim Ministru et**) iddikjarat li l-Artikolu 12A imsemmi m'għandux jiġi applikat fil-konfront tas-sid u l-okkupant tal-fond, u ħalliet f'idejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tkompli tisma' l-kawża ta' żgumbrament li fetah il-Perit Barbara.

Fil-kors ta' dawn il-proċeduri, il-konvenut Grima eċċepixxa li s-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2014, tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment id-dritt tiegħu għal dar kif protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-ewwel Qorti, b'sentenza tas-17 ta' Novembru, 2016, iddeċidiet dan il-punt u ċaħdet il-lanjanza tal-konvenut Grima in kwantu ma sabetx li sofra lezjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Minn din is-sentenza issa sar dan l-appell.

Il-konvenut Grima appella quddiem din il-Qorti b'rikors tal-1 ta' Diċembru, 2016, li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-12 ta' Diċembru, 2016, u l-attur wieġeb fis-16 ta' Diċembru, 2016. Fil-kors tat-trattazzjoni

quddiem din il-Qorti, fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2017, ġie sollevat il-punt dwar jekk l-appell kellux jiġi preżentat fil-Qorti tal-Appell jew fil-Qorti Kostituzzjonali. Il-partijiet ingħataw il-fakolta` iressqu nota ta' osservazzjonijiet fuq dan il-punt u wara li eżaminat dawk in-noti sejra tgħaddi biex taghti din is-sentenza tal-lum.

Il-Qorti tirrileva li dan il-punt ġia` ġie deċiż żgur darbtejn minn din il-Qorti, bl-aħħar waħda tkun dik fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Arnaud et v. Strickland Limited**, deċiża fit-30 ta' Settembru, 2016.

F'din is-sentenza, din il-Qorti qalet hekk fir-rigward ta' din il-kwistjoni:

"6. L-ewwel qorti tat is-sentenza li minnha sar dan l-appell bis-saħħa tal-kompetenza li jagħtiha l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni *contrario sensu*:

> "»**46.** (3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu[1], il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.«

"7. L-istess jipprovdi l-art. 4(3) tal-Kap. 319.

"8. Billi l-kwistjoni qamet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kienx hemm ħtieġa ta' referenza u dik il-qorti setgħet tagħti deċiżjoni fuq il-kwistjoni hija stess, kif fil-fatt għamlet.

"9. Appell minn deċiżjoni bħal dik mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jintlaqat bl-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

[1] Is-subartikolu (4) jagħti dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostrituzzjonali.

"»**34.** Ħlief meta jkun hemm provdut mod ieħor f'dan il-Kodiċi jew f'kull liġi oħra, mis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell:

"»Iżda fil-każijiet fejn kawża li tkun inbdiet permezz ta' rikors ġuramentat, u fejn ebda deċiżjoni espliċita ma tkun intalbet u ngħatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni skont l-artikolu 95(2)(*d*)[2] tal-imsemmija Kostituzzjoni, tkun ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza li fiha jkunu ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi għall-Kostituzzjoni bħala parti mill-meritu tal-kawża, il-Qorti tal-Appell għandha xorta waħda titqies li hija kompetenti u li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi appell minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.«

"10. L-appell tallum jintlaqat mill-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax: il-kawża nbdiet b'ċitazzjoni (kif kienu jinbdew il-kawżi "ordinarji" qabel ma ddaħħlet il-proċedura tar-rikors maħluf imsemmi fl-art. 34) u ma nbdietx b'rikors kostituzzjonali; ebda deċiżjoni espliċita ma ntalbet u ngħatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni taħt l-artikolu 95(2)(*d*) tal-Kostituzzjoni; u fis-sentenza li ngħatat ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem. L-appell għalhekk kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell, mhux quddiem din il-qorti[3].

Din il-Qorti, kif issa komposta, tirribadixxi din il-konkluzjoni, u ma ssib xejn fin-nota tal-appellant li ġegħla tbiddel dik id-deċiżjoni. Is-sentenza tas-17 ta' Novembru, 2016, ingħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili adita b'rikors ġuramentat, li hija l-proċedura normali għall-ftuħ ta' kawżi ċivili in ġenerali. Fil-kors tas-smigħ ta' dik il-kawża, ġie sollevat punt dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem u kienet dik l-istess Qorti, kif oriġinarjament adita, li kellha tiddeċiedi, u fil-fatt iddeċidiet dak il-punt sollevat. Dak il-punt ġie deċiż bħala kwistjoni imqanqla f'kawża ċivili

---

[2] »**95.** (2) … … … il-Qorti Kostituzzjonali … jkollha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċidi -

»… … …

»(*d*) appelli minn deċiżjonijiet ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar interpretazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni li ma jkunux dawk li jistgħu jaqgħu taħt l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni.«

[3] Ara *Michael Debono Ltd et v.* Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Kost. 12 ta' Frar 2016/

normali u l-appell kellu jsir bil-proċedura kontemplata fil-liġi u quddiem il-Qorti tal-Appell.

Billi, għalhekk, l-appell sar ħażin quddiem din il-Qorti, il-Qorti qegħdha tiddikjara irritu u ma tqisux aktar. Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallshom il-konvenut appellant Philip Grima.

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Aġent President | Joseph Azzopardi<br>Imħallef | Mark Chetcuti<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df